Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1700

15.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1700

tal-14 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi, fir-rigward tal-konklużjoni ta' kuntratti, il-pagamenti tal-avvanzi, u l-obbligi tan-notifiki

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa aktar sempliċi u rapida" ([2]) tappella għal miżuri ta' simplifikazzjoni li għandhom l-għan li jħaffu l-piż regolatorju u l-kostijiet relatati għan-nies, għan-negozji, għall-partijiet ikkonċernati u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni u li jagħmlu r-regoli aktar ċari, aktar faċli biex jinftiehmu u li jistgħu jiġu implimentati aktar malajr.

(2) Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi u ta' skambji mal-Istati Membri u mal-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni, l-Artikoli 10, 13, u 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1831 ([3]) ġew identifikati għal emenda sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi.

(3) Abbażi tal-esperjenza miksuba mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831, l-iskadenza imposta fuq l-Istati Membri għall-konklużjoni ta' kuntratti għall-implimentazzjoni ta' programmi mal-organizzazzjonijiet proponenti magħżula tista' ma tkunx biżżejjed biex titlesta l-proċedura għall-għażla tal-korpi ta' implimentazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 ([4]). Għalhekk hija meħtieġa estensjoni ta' dik l-iskadenza biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jagħżlu kif xieraq il-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi u biex titnaqqas il-ħtieġa li l-Kummissjoni tintalab tawtorizza l-iffirmar tal-kuntratti wara l-iskadenza.

(4) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi għall-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni, ir-rata massima ta' prefinanzjament permezz ta' pagamenti tal-avvanzi jenħtieġ li tiżdied sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' finanzjament bil-quddiem, b'mod partikolari għall-benefiċjarji b'kapaċità finanzjarja limitata, ikunu koperti b'mod adegwat filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà dwar jekk tali pagamenti tal-avvanzi jintużawx u kemm jintużaw.

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1144/oj.

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, COM/2025/47 final, 11.2.2025.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1831 tas-7 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1831/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 tat-23 ta' April 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/1829/oj).

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, l-obbligi ta' notifika lill-Kummissjoni għal programmi sempliċi jenħtieġ li jitnaqqsu u jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn, minn naħa waħda, data relatata mal-eżekuzzjoni finanzjarja u r-riżultati ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post u, min-naħa l-oħra, data relatata mal-impatt tal-programmi vvalutati. L-obbligi ta' notifika relatati ma' din tal-aħħar jenħtieġ li jitnaqqsu filwaqt li xorta tiġi pprovduta notifika suffiċjenti lill-Kummissjoni għall-fini tal-ġestjoni tal-programmi, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri.

(6) Madankollu, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni minħabba l-applikazzjoni parallela ta' regoli differenti, jenħtieġ li l-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831 ma japplikawx għall-programmi li għaddejjin.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831 jiġi emendat kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jikkonkludu kuntratti għall-implimentazzjoni ta' programmi mal-organizzazzjonijiet proponenti magħżula wara li jwettqu verifiki fuq il-proċedura ta' selezzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 sabiex jiġi żgurat li l-korpi ta' implimentazzjoni ntagħżlu skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/1829. L-Istati Membri għandhom jikkonkludu dawn il-kuntratti fi żmien 180 jum kalendarju min-notifika tal-att tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014. Wara dik l-iskadenza, l-ebda kuntratt ma jista' jiġi konkluż mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni wara s-sottomissjoni ta' talba ġustifikata mill-Istat Membru.";

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-pagament tal-avvanz ma għandux jaqbeż it-30 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014.";

(3) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

In-notifiki lill-Kummissjoni dwar il-programmi sempliċi

1. Fir-rigward tal-pagamenti kollha li jsiru għall-programmi sempliċi, sal-15 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-data li tkopri s-sena kalendarja preċedenti relatata mal-eżekuzzjoni finanzjarja u r-riżultati tal-verifiki amministrattivi u fuq il-post imwettqa f'konformità mal-Artikoli 19 u 20.

2. Fir-rigward tal-pagamenti tal-bilanċ magħmula għall-programmi sempliċi, sal-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-programm, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni bid-data li tkopri d-durata kollha tal-programm relatata mal-impatt tal-programmi vvalutati bl-użu tas-sistema ta' indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 22.

3. Tali notifiki għandhom isiru b'mezzi elettroniċi, billi jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trasferiment tad-data magħmula disponibbli mill-Kummissjoni.".

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal kuntratti għall-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi kif imsemmi fl-Artikolu 10(3) konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN